Year 9 History General Study

Year 9.1, 9.2, 9.4, 9.5, 9.6,9.7,9.8

1. Studja t-topics kollha, li huma Topic 1, Topic 2, Topic 3 u Topic 4.
2. Studja topic wieħed kull ġimgħatejn.
3. Uża l- Ktieb tal-History (Storja ta` Malta ) (Ktieb Blu)

## Topic 1 Il-Fortifikazzjonijiet

* Aqra u ara l-istampi minn paġna 51 sa paġna 56.
* Ikteb dawn is-sentenzi fuq foolscap u poġġiha fid-Display File Notes

a. Il-Granmastru Wignacourt bena t-Torri Santa Marija ġewwa Kemmuna, it-Torri San Luċjan ġewwa Marsaxlokk, it-Torri San Tumas ġewwa Marsascala u t-Torri Wignacourt ġewwa San Pawl il-Baħar.

b. It-torrijiet tal-Granmastru Wignacourt kienu kbar.

ċ. Il-Granmastru De Redin bena tlettax –il torri madwar il-kosta.

d. It-Torrijiet ta De Redin kienu żgħar u kien fihom kien ikun hemm erba` suldati u żewġ kanuni.

e. Il-Granmastru Lascaris bena t-Torri ta Sant Agatha magħruf bħala t-Torri l-Aħmar ġewwa l-Mellieħa.

f. F Għawdex kien hemm iċ-Ċittadella , forti Chambray u torrijiet tax-Xlendi u Dwejra.

ġ. It-torrijiet bnew biex jiddefendu lill-gżejjer maltin mill-pirati.

Topic 2 Ir-Rivoluzzjoni Franċiża u Malta

* Aqra u ara l-istampi minn paġna 154 sa paġna 163.

* Ikteb dawn is-sentenzi fuq foolscap u poġġiha fid-Display File Notes

a. Fl-1789 ġewwa Franza ġrat ir-Rivoluzzjoni Franċiża.

b. Il-poplu Franċiż kien bla xogħol u għalhekk qam kontra r-Re u Reġina.

ċ. Il-Franċiżi ħatfu lir-Re u Reġina u tawhom il-piena tal-mewt.

d. B` hekk Franza saret Repubblika.

e. L-Ordni ta` Malta tilfet l-artijiet kollha li kellha fi Franza, li minnhom kienet idaħħal il-flus , minħabba r-Rivoluzzjoni.

f. Il-Kavallieri Franċiżi żammew mal-poplu Franċiż.

Topic 3 Il-Franċiżi u Malta

* Aqra u ara l-istampi minn paġna 135 sa paġna 142.

* Ikteb dawn is-sentenzi fuq foolscap u poġġiha fid-Display File Notes

a. Napuljun ried li l-flotta Franċiża tidħol fil-port ta' Malta għall-ilma.

b. Il-Granmastru Hompesch qal li żewġ bastimenti setgħu jidħlu biss fil-port.

ċ. Il-Franċiżi daħlu xorta bil-flotta fil-port.

d. Il-Granmastru ċeda lil Malta minħabba l-Invażjoni Franċiża li seħħet fl-1798.

f. Il-Ġeneral Franċiż Napuljun ħa lil Malta u spiċċat l-Inkwiżizzjoni.

ġ Il-Franċiżi għamlu riformi iġifieri tibdil fl-edukazzjoni li jinfetħu skejjel primarji u fit-taxxi.

h. Il-Franċiżi ħadu l-ġid tal-Kavallieri u l-gżejjer maltin ġew maqsuma fi tnax –il biċċa magħrufa bħala tnax il-muniċipalita.

Topic 4 **L-Irvell tal- Maltin u tkeċċija tal-Franċiżi**

* Aqra u ara l-istampi minn paġna 143 sa paġna 153.

* Ikteb dawn is-sentenzi fuq foolscap u poġġiha fid-Display File Notes

a. Fl-1798 il- Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi ġewwa l-Imdina.

b. Huma, irvellaw minħabba l-oġġetti prezzjużi li l-Franċiżi ħadu mill-Katidral tal-Imdina.

ċ. Il-Franċiżi, issakkru wara s-swar tal-Belt Valletta, il-fortizzi u fil-Kottonera.

d. Il-Franċiżi damu msakkrin sentejn sħaħ u dan hu magħruf bħala żmien l-Imblokk.

e. Il- Maltin ħadu għajnuna mill-Ingilterra u l-mexxej tal-Maltin kien Manwel Vitale.

f. DUN MIKIEL XERRI ġie maqtul mill-Franċiżi ġewwa l-Belt minħabba ħadha kontrihom.

ġ. Il-Franċiżi jitilfu lil Malta , bis-saħħa ta` Nelson u Captain Ball.

h. Fl-1800 Malta issir kolonja Ingliża , iġifieri art immexxija mill-Ingliżi.